MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 81/2003

**Carmel sive Charles Sciberras, f'ismu proprju u ghan-nom ta' ohtu assenti Maria Antonia mart David Knight, Peter Paul Sciberras, Conrad Borg Manche' u Philip Borg Manche' ghan-nom u in rapprezentanza ta' wliedu minuri David u Francesca Borg Manche' u b'digriet tat-22 ta' Lulju, 2004, wara l-mewt ta' l-attur Peter Paul Sciberras l-atti gew trasfuzi favur l-eredi tieghu Carmel sive Charles u Maria Antonia mart David Knight ahwa Sciberras u favur Conrad, David u Maria Francesca ahwa Borg Manche'**

**vs**

**Youssef u Romina mizzewgin Rhouri
u b'digriet tas-16 ta' Gunju, 2004, il-kunjom tal-konvenuti jigi kancellat u sostitwit bil-kunjom Rhouni**

**I**l-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fis-7 ta' Frar, 2003 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti sabiex

ihallsu s-somma ta’ elfejn, hames mija u ghoxrin lira Maltin (Lm2520) ta’ arretrati ta’ kera, bl-Lm40 fix-xahar, tal-fond “St. Rita” 12, St. Edward Street, Birzebbugia, ghall-perijodu minn Novembru, 1997 sa’ Jannar, 2003, b’riserva ta’ ammonti ulterjuri sal-effettiv zgumbrament taghhom in segwitu ghas-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Inferjuri (avviz 1666/00) ta’ l-4 ta’ Ottubru, 2002.

Bl-imghax legali mid-data ta’ l-ittra ufficjali tal-25 ta’ Ottubru, 2002 u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-istess ittra ufficjali u tal-Mandat ta’ Sekwestru numru 308/2003 kontra konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta Romina Rhouni fejn eccepiet:

Preliminarjament, illi l-kunjomhom huwa “Rhouni” u mhux “Rhouri” u ghalhekk jitolbu li tigi ordnata l-korrezzjoni appozita.

Preliminarjament, illi l-konvenut Youssef ma jistax jigi notifikat ghaliex huwa assenti minn Malta u ghalhekk jehtieg li l-atti jigu legittimati skond il-ligi.

Fil-meritu, il-kreditu huwa kkontestat.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet taghha tat-22 ta’ Lulju, 2004 fejn ordnat il-legitimazzjoni ta’ l-atti wara l-mewt ta’ l-attur Peter Paul Sciberras fil-mori ta’ din il-kawza;

Rat is-sentenza taghha tal-25 ta’ Ottubru, 2004 fil-konfront tal-konvenut Youssef Rhouni wara l-kontumacja tieghu;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi mhuwiex kontestat li l-konvenuti kienu krew il-post "Santa Rita" 12, St Edward Street, Birzebbuga minghand l-atturi bil-kera ta' erbghin lira Maltin (Lm40) fix-xahar. Lanqas ma hu kontestat illi l-konvenuti ghamlu xi pagamenti. Fil-fatt l-attur Carmel Sciberras jikkonferma illi saru hlasijiet sal-25 ta' Settembru, 1997 u mbaghad ma hallsux aktar. Saret kawza ghall-izgumbrament tal-konvenuti illi saret definittiva permezz ta' sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' l-4 ta' Ottubru, 2002.

Il-konvenuti damu fl-okkupazzjoni tal-fond sa' Jannar, 2003 meta kkonsenjaw ic-cavetta lill-atturi u ghalhekk l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas ta' elfejn hames mija u ghoxrin lira Maltin (Lm2,520) bhala arretrati ta' kera minn Novembru, 1997 sa' Jannar, 2003. Dan ma jidhirx illi huwa kontestat minn naha tal-konvenuta pero' qeda tghid illi qeda fi proceduri ta' separazzjoni minn ma' zewgha u ghalhekk ikun aktar gust illi hi thallas biss semha u mhux l-ammont intier. Di piu' l-atturi diga hadu sentenza fil-konfront tar-ragel Youssef Rhouni.

Ikkunsidrat:

Minkejja li l-Qorti thares lejn is-sitwazzjoni tal-konvenuta Romina Rhouni b'simpatija, ma tistax tinjora l-aspett legali tar-relazzjoni kuntrattwali li hi u zewgha ghandhom ma' l-atturi, fejn minn naha taghhom obbligaw ruhhom illi jipprovdu l-fond indikat fl-avviz versu l-korrispettiv tal-kera. Kienu l-konvenuti fil-mori taz-zwieg taghhom li ma qaghdux ghall-obbligazzjonijiet assunti u ghalhekk huwa solidali fil-konfront ta' l-atturi ghall-hlas ta' l-arretrati. X'arrangament isir bejn il-konjugi hija affari taghhom u ma taffetwax id-drittijiet ta' l-atturi illi jibqghu jkollhom id-dritt li jircievu l-kera b'mod solidali minghand il-konvenuti.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi u tikkundanna lill-konvenuta solidament mall-konvenut l-iehor Youssef Rhouni li thallas lill-atturi s-somma ta' elfejn hames mija u ghoxrin lira Maltin (Lm2,520) arretrati ta' kera fuq il-fond "Santa Rita" 12, St. Edward Street,

Birzebbuga ghall perijodu minn Novembru, 1997 sa' Jannar, 2003.

Bl-ispejjez u l-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------